repubblika

A CIVIL SOCIETY MOVEMENT

7 ta' Diċembru, 2020

L-Ispeaker
Il-Parlament ta' Malta
Il-Belt Valletta

Sur President

**Dwar: Abbozz ta' Liġi għal Att li jemenda l-liġijiet relattivi għall-ħatra ta' persuni ta' fiduċja**

Qed insegwu d-dibittatu dwar l-Abbozz ta' Liġi mressaq mill-Ministru Edward Zammit Lewis u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta tal-1 ta' Lulju 2020.

M'għandniex dubju li l-gvern li qed jippilota dan l-Abbozz ta' Liġi għandu l-pariri legali li jeħtieġ biex ikun sodisfatt li qed jirrakkomanda lill-Parlament liġi konformi mal-Kostituzzjoni.

Madankollu, il-pariri legali li għandna aħna jgħidu li dan mhux il-każ u jekk il-Parlament jadotta dan l-Abbozz, il-liġi approvata tikser il-provvediment 110 tal-Kostituzzjoni li jeħtieġ li kull persuna impjegata fis-settur pubbliku tiġi ingaġġata fuq il-parir ta' jew bi proċess amministrat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Minflok jidher li l-gvern qed jitlob lill-Parlament jagħmel liġi li tippermettilu jikser il-Kostituzzjoni u jimpjega nies fis-servizz pubbliku mingħajr il-proċess meħtieġ.

Nitolbok tinforma lid-Deputati li jekk kemm-il darba il-Parlament jadotta liġi li tkun minnha nfisha tikser il-Kostituzzjoni, Repubblika se tuża l-mezzi li tippermettilha l-Kostituzzjoni stess biex tara li din il-liġi tkun sfidata fil-qrati.

Repubblika hi tal-fehma soda li:

1. L-identità distinta tas-servizz pubbliku m'għandhiex titgħaffeġ mid-diskrezzjoni tal-politiċi fil-gvern; u li

29, Pjazza tal-Knisja, Mqabba, MQB1011 Malta
repubblika.org

2. Il-Parlament m'għandux jadotta liġijiet li effettivament jiġġustifikaw lill-gvern biex jaġixxi bi ksur tal-Kostituzzjoni.

Grazzi tal-attenzjoni tiegħek.

Robert Aquilina
President, Repubblika

Kopji: Il-President ta' Malta
Il-Prim Ministru
Il-Kap tal-Oppożizzjoni